MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Numru. 482/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**Versus**

**Salem Hassan Suleman**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni kontra Salem Hassan Suleman ta' 33 sena iben Selim u Butul Farah Ibrahim imwieled Darfour is-Sudan fl-1 ta' Jannar 1975 u residenti Malta bħala refuġjat fil-Marsa Open Centre ID 30722 (A)

Akkużat talli fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 t'Ottubru 2008 u l-jiem ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer

(a). Biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

**L-Aggravju**

(b). Ikkometta l-imsemmija reati fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ skond l-artikolu 22(2)(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

4. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-IDcard tal-imputat (fol 6), l-Ordni tal-Avukat Ġenerali a fol 7, il-fedina penali tal-imputat (fol 8), l-istqarrijiet tal-imputat kif ukoll l-esibit S/B 355/2008 li kien parti mill-proċess ta' Abubaker Mohammed Suleiman (Dok DT2), iż-żewġ mobile phones, id-dikjarazzjoni tad-difiża li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex għalfejn ittella' x-xhieda tal-istqarrijiet (fol9), il-ħatra tal-espert Martin Bajada sabiex jeżamina l-kontenut taż-żewġ mobiles u biex jieħu l-incoming u l-outgoing calls mis-service providers, id-dokument NF li hu proċes-verbal bi stqarrija ġuramentata, l-ħatra tal-Perit Alexei Pace sabiex ikejjel id-distanza minħabba l-aggravju, ir-relazzjoni tal-istess Alexei Pace u l-ordni tal-Qorti sabiex titħassar it-tieni sentenza mill-ewwel kostatazzjoni li hemm fir-rapport tal-istess perit. (Fol.67)

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet ix-xhieda tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Skond il-Prosekutru l-imptutat kien mixli bir-reat (u l-aggravju) wara stqarrija ġuramentata li għamel ċertu ċertu Abubaker Mohammed Suleiman. Fil-kontro-eżami (fol73)

huwa qal li ma ienx ġabar is-CCTV footage tal-inħawi għax ma ħassx li kien hemm bżonn ta' provi addizzjonali. Huwa qal ukoll li t-turista Spanjol li kien inqabad bidd-roga kien identifika lil Abubakaer u lil Shawish. Shawish kien qal li kienu jmorru ħafna nies għandu (għand Shawish) jsitaqsu għad-droga u hu kien jindika lil Abubaker. Dan ix-xhud qal ukoll li l-imputat kien konsistenti fl-istqarrijiet tiegħu. Ma kentix saret tfittxija minħabba li fil-Marsa Open Centre jidħol kulħadd.

**L-Istqarrijiet tal-imputat.**

28 ta' Ottubru 2008

5. Fl-istqarrijiet tiegħu l-imputat qal li kien jaf lil Mohammed Abubaker. Skond l-imputat Abubaker l-aħħar li kien ċempillu fuq il-mobile tiegħu 99520952 kien il-Ġimgħa. Lil Abubaker kien jarah ta' spiss għax kien joqgħod fl-istess post tiegħu l-Marsa. Abubaker kien staqsieh jekk jafx il xi ħadd ibiegħ il-ħaxixa. Din kienet l-ewwel darba li Abubaker kien kellmu fqu xi ħaxixa. L-imputat li kien ħa l-ħaxixa meta kien is-Sudan iżda mhux hawn Malta. L-imputat ma kienx jersaq lejn PAceville ħlief fil-festi tal-Musulmani jew fil-Milied.

14 ta' Diċembru 2008

6. L-imputat qal li fil-lejl imsemmi kien fl-open centre tal-Marsa. Huwa qal li dak in-nhar baqa' l-Marsa għalkemm mis-sim card kien jidher li l-mobile tiegħu kien Paceville. Huwa qal li l-mobile tiegħu kien fuqu. L-imputat qal ukoll li x-xogħol li għandu huwa bil-ktieb.

7. PC 213 Nicolai Borg ikkonferma li l-biċċiet fl-esibit 307 kienu nstabu fil-qalziet ta' Mohammed Suleiman Abubaker. Huwa għaraf ukoll il-mobile ta' Mohammaed Suleiman Abubakaer

8. Xehed ukoll Mohammed Suleiman Abubaker li qal li l-ħaxixa li ienet ġabret il-Pulizija kien tahielu persuna oħra. Hawn indika lill-imputat bħala l-bniedem lit ah il-ħaxixa. L-

imputat kien qallu biex ibiegħ il-ħaxixa u mbagħad itith 40 Euro ‘l biċċa. Il-ħaxixa kien tahielu Paceville. (Fol.24). Qabel qatt ma kien tah xejn. Ix-xhud qal li ma kienx ċempel lil Suleiman.

9. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li ma ftakarx fejn kien tah il-ħaxixa l-imputat u lanqas x’kien liebes l-imputat. Huwa baqa’ jinsisti li kien bil-ġurament u li kien l-imputat li tah il-ħaxixa. (Fol 26). In-numru ta-telefon kien tahulu Suleiman stess. Ix-xhud qal li kein jaf li l-imputat kien Sudaniż bħalu u għalhekk ħa d-droga minn għandu. Huwa rsista wkoll li dak in-nhar Suleiman kien Paceville u mhux il-Marsa Open Centre. Huwa qal ukoll li jekk kien ċempel xi darba lil Suleiman ma kienx jiftakar. (fol.28). Huwa tenna li kien qed jgġid il-verita’ għax ħalef fuq il-Koran.

**L-Istqarrija ġuramentata**

10. Fl-istqarrija ġuramentata tal-25 t’Ottubru 2008, Mohammed Suleiman Abubaker kien qal:

***‘Il-ħaxixa mhix tiegħi imma ta’ wieħed Suleiman.’***

11. Imbagħad qal li Suleiman kien joqgħod il-Marsa u jiltaqa’ ħafna miegħu San Ġiljan. Huwa ta l-mobile number tal-imputat 99520952. L-imptutat kien tah biċċa naqra kbira u nofsha kien ta lill-Ispanjol u n-nofs l-ieħor kien baqa’ għandu. Huwa reġa’ rrepeta :

***‘Il-ħaxixa tahieli Suleiman u l-bieraħ biss.’***

12. Suleiman kien qallu li kien ser jagħtih 15-il Ewro jekk ibiegħ ir-raża tal-ħaxixa. Kien qallu wkoll li l-biċċa kienet tiswa 80 Ewro u qallu biex jaqsamha ġaladarba l-Ispanjol ried biċċa ta’ 40 Ewros. (fol.40)

13. Fil-parti l-oħra tax-xhieda ġuramentata, (ara fol.41 Stqarrija 29 ta’ Novembru 2008) a fol. 42, reġa’ qal:

***‘Għax ngħid li x’ħin qabel meta ġie fuqi s-Sudaniż l-ieħor li diġa’ semmejt fl-istqarrija ta’ qabel u li naf li jismu Suleiman; wara li dan l-istess Suleiman tani f’idi biċċa raża tal-cannabis li qalli li tiswa 80 Ewro u li qalli biex inbigħha kollha, jien, meta dan Suleiman telaq ‘l hemm….’***

14. Dwar it-telefonati , ix-xhud qal li la kien ċempel hu u lanqas l-imputat. (fol.42). Huwa indika lil Suleiman minn fuq ritratt.

**Ir-relazzjoni u x-xhieda tal-Perit Alexei Pace**

15. Ix-xhud Abubaker qabel mal-pożizzjoni indikata mill-Prosekuzzjoni bħala l-post fejn allegatament l-imputat ta d-droga lil Abubaker. (fol.48).[1] Il-postijiet indikati mill-Prosekuzzjoni kollha kienu fid-distanza ta’ mitt metru. Fost il-postijiet kien hemm il-Burger King, il-Brown Stiletto Empire, il-Club Sabor u Peppermint Park. **B’riżultat tal-kontro-eżami tħassret waħda mis-sentenzi fir-relazzjoni tal-Perit Alexei Pace (l-ewwel kostatazzjoni, it-tieni sentenza.**

**Xhieda tal-espert is-Sur Martin Bajada**

16. Xehed ukoll is-Sur Martin Bajada li ppreżenta r-relazzjoni tiegħu fejn fl-24 t’Ottubru 2009, jidhru telefonati bejn il-mobile 35699520952 (l-imputat) u 35699527940 (ix-xhud Abubaker) MTC (Mobile Terminating Call) 23.0610 u 23.06.13 (89 sekonda) term CAMELintercord. Ara wkoll dik tal:23:50:13 ta’ 45 sekonda ummarkata wkoll MTC.

17. Hemm telefonati oħrajn fl-istess jum u f’ħin aktar bikri li huma 17.11.09, 17.15.57 18.26.10 u 19.44.42 bejn l-istess numri iżda dawn jidhru immarkati 4 MO MOC. Hawnhekk l-originating call tkun ġiet min-naħa tal-imputat.

**Xhieda tal-Imputat**

---

[1] Jidher li l-imputat qabel ukoll mal-pożizzjoni iżda ma ngħatax warning qabel tkellem. Għalhekk l-allegata reazzjoni tiegħu fir-relazzjoni mhix tkun ikkonsidrata.

18. Xehed l-imputat li qal li kien mar darbtejn id-Depot. Fuq il-pedana tax-xhieda huwa kkonferma ż-żewġ stqarrijiet fuq il-Koran. Hawn Malta kien jaħdem ma’ ċertu Joe Ghigo u kien iħallas it-taxxa u l-bolla. Huwa qal li fl-ewwel telefonata ta’ Abubaker , l-imputat kien wieġbu biex ma jgħidlu xejn fuq droga. Dwar it-tieni telefonata l-imputat ma ftakarx eżatt x’intqal. Skond l-imputat Abubakaer kien staqsieh jekk kienx jaf lil xi ħadd li jsiblu d-droga. L-imputat kien qal li ma jaf lil ħadd. Meta saret it-telefonata l-imputat kien il-Marsa u semma (bħala xhud)lil wieħed Sudaniż jgħidulu l-Brażiljan. Huwa kien imur Paceville f’xi festa biss. Huwa nnega li kien ta d-droga lil Abubaker. Mistoqsi jekk Abubaker kienx ċempillu fuq il-mobile l-imputat qal li mhux fuq id-drogi. (fol.91).

19. Xehed ukoll Mohamed Kaman Iben Abdugelil li qal li kien jaf lill-imputat għax joqogħdu sodda fuq sodda. Fl-24 ta’ Ottubru, 2008 dan ix-xhud kien sab lil Suleiman fis-sakra l-Marsa. Kien rieqed u jonħor. Kien raqad għal xi l-10.00p.m. Għal xi l-11.00pm kienet marret l-għarusa ta’ Suleiman u staqsietu għalih. Dan ix-xhud wieġeb li Suleiman kien diġa’ rieqed għax kien fis-sakra. Kien jinduna li Suleiman xorob għax isibu jonħor.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

20. Il-każ tal-Prosekuzzjoni jistrieħ fuq dak li qal Mohammed Suleiman Abubaker.
Fis-sistema tagħna x-xhieda ta’ persuna waħda hija biżżejjed jekk dik titwemmen minn min ikun qed jiġġudika. (Ara artikolu 638(2) tal-Kap 9). Dan xehed wara li kien ħa l-piena u għaraf lill-imputat bħala dak li tah id-droga (bir-riratt b’kollox). F’mument minnhom dan sar wara mistoqsija tal-Qorti stess. Huwa ta wkoll ċertu dettalji dwar kemm kellha tinbiegħ id-droga. Dan ix-xhud baqa’ jinsisti li kien biss dak in-nhar li l-imputat kien tah id-droga biex imexxiha. Fuq dan il-punt ix-xhud baqa’ konsistenti. Jekk ma kienx jaf it-triq b’isimha, ix-xhud ma vvintax la fl-eżami u lanqas fil-kontro-eżami. Huwa nnega b’mod enfatiku li kien qed jipprova jwaddab il-ħtija fuq ħadd ieħor.

21. Dwar it-telefonati lil Suleiman huwa qal 'Jekk ċempilt xi darba lil Suleiman, huwa qal 'Ma niftakarx'.

22. Min-naħa l-oħra l-imputat qal li l-imputat kien ċempillu l-Ġimgħa fuq il-mobile tiegħu u qal ukoll li kien ċempillu biex jara jafx 'il xi ħadd ibiegħ il-ħaxixa. (Il-Ġimgħa fil-fatt kien l-24 t'Ottubru 2008 u żgur saru telefonati minn Abubaker lil Suleiman kif jidher a fol 29 (minn tletin) fejn hemm immarkati MTC jiġifieri mill-10.36 pm ta' filgħaxija 'l quddiem. Ara r-relazzjoni ta' Martin Bajada).

23. Biss jidher li fl-istess jum l-imputat ipprova jaqbad lill-imputat xi 4 darbiet bejn il-5.11pm u 7.44 pm. (Telefonati mmarkati MOC).

24. Kemm l-imputat kif ukoll Abubaker qalu li fl-24 t'Ottubru tkellmu fuq it-telefon u li kien sar xi diskors fuq id-droga. (Ara fol.17 u 18 tal-istqarrija tal-imputat u qabbel mal-asserzjonijiet ta' Abubaker kemm fl-istqarrija tiegħu ġuramentata kif ukoll minn fuq il-pedana tax-xhieda li din kienet l-ewwel darba li l-imputat kien tah id-droga. Ara fol.40 darbtejn fl-istess paġina)

25. Fuq il-pedana tax-xhieda l-imputat qal l-istess ħaġa dwar it-telefonata minn Abubaker 'Lili tgħidlix fuq drogi'. Pero' dwar it-tieni telefonata ma kienx jiftakar u ma kienx jaf eżatt.'

26. L-imputat baqa' jinsisti li hu ma marx Paceville.

27. Il-Qorti hija tal-fehma li x-xhieda relevanti huma dawk li tal-imputat kif ukoll tax-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni. Wara li rat lil Mohamed Kaman Iben Abdugelil jixhed, il-Qorti ma tqisx bħala attendibbli x-xhieda mogħtija minn dan ix-xhud.

28. Huwa sinifikanti li x-xhud tal-Prosekuzzjoni Abubaker irrefera għall-imptutat fl-ewwel stqarrija tiegħu li saret fil-25 t'Ottubru 2008 ftit wara l-arrest. Fil-fatt din saret fis-13.00 ta' wara nofs in-nhar. It-tieni stqarrija saret ferm wara – fid-29 ta' Novembru 2008.

29. Il-Qorti rat lil dawn iż-żewġ persuni jixhdu fuq il-pedana tax-xhieda. Mil-mod kif ġabu ruħhom fuq il-pedana tax-xhieda l-Qorti ssib li l-verżjoni mogħtija mix-xhud Mohammed Suleiman Abubaker bħala aktar konvinċenti minn dik tal-imputat. Ix-xhud mhux biss kien ċert minnu nnifsu iżda f'ebda mument ma deher jinfixel jew irid jibdel il-verżjoni tiegħu, ukoll meta kien taħt pressjoni fil-kontro-eżami.

30. Ma' dan il-Qorti qieset ukoll l-istqarrijiet magħmula mit-tnejn – mill-imputat u mix-xhud kif ġuramentata. Ix-xhieda ġuramentata hija evidenza ammissibbli mil-Liġi tagħna. Madankollu, il-Qorti ma straħitx fuqha primarjament iżda fuq il-komportament ta' kif dan ix-xhud ta l-verżjoni tiegħu waqt li kien jixhed fl-Awla. Il-Qorti ħasset aktar sinċerita' da parti tax-xhud tal-Prosekuzzjoni. Il-Qorti qieset li x-xhud tal-Prosekuzzjoni baqa' jinsisti fuq 'darba biss' ukoll meta l-Prosekuzzjoni għafsitu u qaltlu li dak in-nhar ma kenitx l-ewwel darba li Suleiman kien ta l-ħaxixa lil Abubaker.' Tassew li l-imputat kien indirettament qed jiddefendi lilu nnifsu biex hu jidher li kien abbuża darba għax l-imputat tah darba iżda din il-verżjoni ma żiedx magħha fuq il-pedana tax-xhieda. Baqa' fidil għaliha.

31. Il-Qorti għarblet ukoll ċerta spontanjeta' tas-sentenzi tal-bidu fl-ewwel stqarrija ta' Abubaker.

***'Il-ħaxixa mhix tiegħi imma ta' wieħed Suleiman.'***

32. Qieset ukoll id-dettalji dwar il-prezzijiet. Hawn ix-xhud ma kienx qed iżejjen. Hawn kien fil-bidu tal-arrest tiegħu.

**Konsiderazzjoni tas-Sottomissjonijiet tad-difiża**

33. Il-fatt li l-imputat innega kollox mill-bidu, dan ifisser li d-difiża ppruvat il-punt tagħha abbażi ta' probabilita'?

34. Jekk wieħed jaċċetta dan l-argument, wieħed jispiċċa biex ixejjen kull xhieda (kemm dik ġuramentata waqt inkjesta kif ukoll dik mogħtija biss fl-Awla) billi jipproduċi xhud li jinnega dak li qal l-ieħor. Għalhekk il-Qorti trid tgħarbel u tara dak li jkun kif ikun qed jixhed.

35. Il-Qorti lanqas ma ser taċċetta s-sottomissjoni li l-Prosekuzzjoni jmissha ġabet il-videos tas-CCTVs. Jekk dawn kien fihom xi evidenza u l-Prosekuzzjoni ma ġabithomx, allura l-Prosekuzzjoni tilfet iċ-ċans li ġġib aktar evidenza. L-istess jgħodd għal xi fingerprints – prova ferm diffiċli forensikament fejn jidħlu d-drogi. Fuq kollox ħadd m'hu tenut li jġib prova tan-negattiv. Min qed jagħmel il-prova jrid juri li persuna kienet preżenti hemm u li għamlet xi ħaġa u mhux li ma kinitx preżenti hemm jew li m'għamlitx xi ħaġa. Waqt li l-Prosekuzzjoni għandha tiġbor kemm jista' jkun evidenza, ukoll dik favur l-imputat, ma jfissirx li hemm xi mankanza da parti tal-Prosekuzzjoni għax ma tkunx ġabet kull evidenza. Wara kollox, mhux l-ewwel darba li CCTV ma jkunux qed jaħdmu jew inkella ma jkunux ikopru fil-viżwali tagħhom fejn wieħed ikun.

36. Fl-aħħarnett il-fatt li kull tant ix-xhud jew ma ftakarx (kulur tal-ilbies u tat-triq jew jekk ċempilx meta fil-fatt ċempel) dan jirrendi l-verżjoni tiegħu inverosimili?

37. Dwar iċ-ċempil frankament ħadd ma kien eżatt u l-Qorti ssibha stramba kif wara perjodu twil fejn ma jidhirx li kien hemm konnessjoni bejn l-imputat u x-xhud tal-Prosekuzzjoni, bejn il-5.11pm tal-jum imsemmi sat-19.44 tal-istess jum l-imputat laqat jew ipprova jaqbad lill-imputat erba' darbiet.

38. Iżda barra dan kollu, Qorti xorta tista' taċċetta verżjoni ta' xhud bħala veritjera fid-dettalji saljenti tagħha imqar jekk ikollha xi difetti, speċjalment jekk dawn ma jeffettwawx is-sustanza ewlenija.

39. Id-difiża tissottometti wkoll li hija ppruvat id-difiżża tagħha fuq bażi ta' probabilita'. Ma' dan il-Qorti ma taqbilx. L-ewwelnett, il-fatt li imputat ma jkunx ammetta waqt l-istqarrija, ma jfissirx li mhux ħati. It-tieni, il-Qorti, bħalma diġa' qalet, ma tistax tistrieħ fuq ix-xhieda ta' Mohammad Kaman Iben Abdugelil. It-tielet hemm baħar jaqsam bejn kif xehed l-imputat fuq il-pedana tax-xhieda u l-mod kif xehed l-imputat. Ir-raba', bħalma dejjem qalu l-Qrati tagħna, meta jkun hemm xhieda kontradittorja, il-

Qorti hija tenuta li sa fejn huwa umanament possiblli taħgżel il-verżjoni l-aktar attendibbli u mhux taqbad u tgħid li la hemm kontradizzjoni, allura m'hemmx prova. **Għalhekk wara li qieset dan kollu l-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni**.

**L-aggravju**

40.Dwar l-aggravju, jiġifieri jekk l-imputat kienx tassew li ta d-droga ġewwa Paceville, il-Qorti għandha quddiemha problema teknika li tidher sorvolata. Filfatt il-Qorti tista' toqgħod fuq ix-xhieda li ta Abubaker stess fuq il-pedana tax-xhieda (fol.24) fejn qal: 'Barra fit-triq. Ma nafx eżatt.' L-istess Abubaker ikkonferma l-pożizzjoni lill-Perit Arkitett maħtur mill-Qorti.

41. Iżda peress li mir-relazzjoni tħassretis-sentenza **sħiħa (**inkluż dak li qal ix-xhud Abubaker**),** il-Qorti qed tiddeċiedi li dan id-dubju għandu jmur favur l-imputat. Għaldaqstant qed tillibera lill-imputat mill-aggravju li huwa mmarkat bħala t-tieni imputazzjoni.

**Konklużjoni.**

43. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 8(a), 22(1)(a)22(1)(b)(i)(ii), 22(1B) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni jew aħjar l-aggravju.

44. L-imputat għandu fedina penali nadifa, l-ammont jidher li kien wieħed żgħir, u r-reat sar darba biss.

45. Għalhekk qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' sitt xhur (li minnha għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għadda taħt arrest preventiv) u għal ħlas ta' multa ta' €467 liema multa tista' titħallas b'rata ta' € 40 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' xi pagament, il-bilanċ ikun dovut

f'daqqa. Jekk ma titħallasx xi parti mill-multa, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull kull €11.65 mhux imħallsin.

46. Rigward l-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-espert Martin Bajada biss li jammontaw għal €137.45 iżda mhux dawk tal-Perit Alexei Pace għaliex il-Qorti illiberat lill-imputat mill-aggravju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------